# Marco Mengoni jirbaħ it-63 edizzjoni ta' Sanremo

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

*Marco Mengoni*, prodott ta' 'X Factor', kien irrebbieh tat-63 edizzjoni tal-Festival ta' Sanremo, preżentat minn Fabio Fazio u Luciana Littizzetto.

Fit-Teatro Ariston, il-benniena li minnu spikkaw bosta ċelebri tal-kanzunetta Taljana, flimkien ma' dak li twassal mir-Rai f'maratona twila ta' spettaklu tal-kanzunetta, mal-bosta mistednin u interventi twal li waslu biex hafna ghajnhom marret bihom quddiem is-sett tat-televiżjoni, ittella' festival versatili ta' kanzunetti bi stili varji mmirati ghal udjenzi diversi.

Fuq kollox, harġet rebbieha *L'Essenziale*, kanzunetta *sanremese*, li ghalkemm hi nieqsa mill-oriġinalità kellha interpretazzjoni tajba tal-vuċi sabiha ta' Mengoni li mill-bidu deher li se jkun fost il-protagonisti.

L-interpretazzjoni sublimi tieghu ta' *Ciao Amore Ciao* ta' Luigi Tenco, setghet ghenet ukoll il-polz tal-vot.

Wiehed jista' jqis li t-trijonf ta' Mengoni, li f'Mejju li ġej ikun Malmo jirrappreżenta lill-peniżola fil-Eurovision Song Contest, kien possibbli spejjeż ta' Modà li hafna stennew li se jikklassifikaw aktar 'il fuq mit-tielet post. L-oriġinali Elio e le Storie Tese b'sorpriża ġew fit-tieni post u maghhom hadu wkoll il-premju tal-kritiċi 'Mia Martini' kif ukoll kellhom wahda mill-ahjar arranġamenti mużikali.




*Ir-rebbieħ Marco Mengoni*

# Festival differenti

Kien festival kemxejn differenti mill-edizzjonijiet preċedenti fejn fl-ewwel jumejn kull artist interpreta żewġ kanzunetti li minnhom tingħażel wahda ghall-finali. Ir-raba' serata kienet dedikata lil 'Sanremo Story' fejn il-kantanti 'Big' interpretaw kanzunetta mir-repertorju klassiku Taljan, filwaqt li l-erba' kantanti *Giovani* – Antonio Maggio, Ilaria Porceddu, Renzo Rubino u Blastema – ikkompetew ghar-rebh tal-kategorija wara li ntghażlu mis-serata tat-tieni u t-tielet jum.

Id-determinazzjoni ghar-rebh kienet permezz ta' *Giuria di Qualità* u *televoting* li kellhom sahha ndaqs. Mill-kategorija 'Giovani' johroġ rebbieh, Antonio Maggio, bil-kanzunetta *Mi servirebbe sapere*, filwaqt li Il Cile li kien ġie eliminat, rebah l-unur ghall-ahjar lirika permezz ta' *Le parole non servono più*. Renzo Rubino rebah il-premju tal-kritiċi ghall-kanzunetta *Il postino (Amami uomo).*

Fil-hames serata ġew interpretati l-14-il kanzunetta fil-kategorija 'Big'. Maghhom ġabu l-25% tal-voti li nghataw fit-tielet lejla filwaqt li l-ġurija u t-*televoting* b'50% u 25% rispettivament iddeċieda fejn mar il-premju l-kbir.

Skont it-*televoting*, Marco Mengoni, Modà u Annalisa ġew fl-ewwel tliet postijiet filwaqt li l-ġurija ta' kwalità ghażlet lil Elio e le Storie Tese, Malika Ayane u Raphael Gualazzi. Personalment laqtuni l-aktar l-interpretazzjonijiet u l-kanzunetti ta' Malika Ayane, Raphael Gualazzi, Max Gazzè, Simone Cristicchi u Annalisa.

Il-palk żewwaq is-sbuhija mas-sett teknoloġiku disinjat minn Francesca Montinaro, l-ewwel disinjatur femminili fl-istorja tal-festival. Ma naqsux il-bosta mistednin li komplew tawlu s-serati.

Hu kalkulat li matul il-hamest ijiem tal-festival, kien hemm mal-11,936 miljun telespettatur, l-oghla ammont mill-2001. Interessanti li dan il-festival hu segwit aktar minn dak femminili b'total ta' 61.18%, komparat l-istess bhas-sena l-ohra.

Marche kien l-aktar reġjun li segwa din l-edizzjoni, segwit minn Abruzzo u Sqallija, filwaqt li r-reġjun ta' Lombardija kien l-anqas li segwa.

## Festival li ssorprenda

*– Twanny Scerri (Calypso)*

Festival li ssorprenda lil hafna kritiċi. Intużat formula ġdida din is-sena li kull kantant jinterpreta żewġ kanzunetti u wahda tkun eliminata. Fazio però nghata raġun – l-ewwel nett bl-udjenza qawwija li kellu dan il-festival! Illum ferm diffiċli biex takkwista udjenza ta' tant miljuni, iżda Fazio rnexxielu.

It-tieni raġuni kienet il-kwalità tal-kanzunetti. Veru li whud minnhom ma taqbadhomx mill-ewwel, iżda f'xi whud mis-*songs* kien hemm arja ta' xi haġa differenti.

Mengoni, li ġej mir-*reality show*, kien il-favorit mill-bidu nett. Is-sorpriża ta' Elio e le Storie Tese li ġarrew diversi premjijiet interpretaw l-ironija fil-mużika. I Moda stennejthom li jiġu mal-ewwel tnejn. Kollox ma' kollox, ir-Rai hu kuntent ghal Fazio u Littizzetto, il-vera sorpriża tal-festival!



*Antonio Maggio – rebbieħ tal-kategorija 'Giovani'*

## Festival bi kwalità tajba ta' kanzunetti

*– Michael Treeby (Radio 101)*

Il-ġudizzju tieghi dwar Sanremo hu wiehed komplessivament pożittiv. L-ahjar haġa hi l-kwalità tajba ta' kanzunetti li kellna. Nahseb li min ghażilhom ipprova jolqot ftit mill-gosti ta' kulhadd billi jsib rappreżentanza mill-ispettru shih ta' dak li toffri attwalment ix-xena mużikali Taljana.

Kellna rappreżentanza tajba ta' kantawturi, interpreti friski (hafna minnhom ġejjin minn wirjiet ta' talent bhal 'X Factor'), gruppi, mużika Naplitana, eċċ.

Il-kwalità kienet tajba b'mod ġenerali, iżda ghalija spikkaw l-interpretazzjoni eċċellenti tar-rebbieh Marco Mengoni, il-melodija sabiha (iżda nieqsa mill-oriġinalità) tal-Modà, il-kanzunetta sabiha b'interpretazzjoni maġistrali ta' Malika Ayane u s-*song* divertenti ta' Max Gazzè.

Rajthom xi ftit esaġerati l-unuri kollha li nghataw Elio e le Storie Tese, klassifikati t-tieni u onorati bil-premju tal-kritika. Nahseb li l-mertu prinċipali ghandu jinghata lill-kanzunetta nnifisha u mhux lill-preżentazzjoni taghha, inġenjuża u oriġinali kemm tkun.

Jien personalment niddejjaq hafna meta f'Sanremo, il-mużika u l-kanzunetta ma tihux il-prijorità. Jidhirli li ċertu protagoniżmu tal-kopreżentatriċi kien żejjed. Narahom barra minn lokhom ukoll interventi twal bhalma kien ta Baggio li kważi jnessuk li dan hu festival. Ghandu jkollna festival fejn tghaddi kważi nofs siegha u ma tismax kanzunetta wahda?

Ma ghoġbitnix lanqas il-formula ġdida fejn ghall-ewwel darba dis-sena kull kantant jew grupp jippreżenta żewġ kanzunetti li mbaghad minnhom tingħażel wahda. Nahseb li kien attentat biex jinholoq element ta' kompetizzjoni u eliminazzjoni (u allura anki kontroversja) minghajr ma jkollok bżonn neċessarjament tumilja lill-artist li, jiġri x'jiġri, xorta se jkollu kanzunetta fil-finali.

## Rebħet l-aħjar diska

*– Karmenu D'Amato (One Radio)*

Festival ta' Sanremo, differenti. Tnaqqis fil-baġit, żieda fit-telespettaturi, anqas tlellix, aktar mużika sabiha. Fabio Fazio u Luciana Littizzetto ghandhom ghax ikunu kuntenti b'din it-63 edizzjoni tal-festival fejn is-serata finali rawha 53% tan-nies li kienu quddiem it-televiżjoni.

Fazio ghażel tahlita ta' kantanti mit-*talent shows* 'X-Factor' (Marco Mengoni u Chiara), minn 'Amici di Maria' (Annalisa) b'ohrajn frott ta' Sanremo 'Giovani' bhal Malika Ayan, Raphael Gualazzi, Daniele Silvestri, Max Gazzè u Simona Molinari.

Fazio halla barra kantanti kbar bhal Anna Oxa, Albano, Bruno Lauzi u Ornella Vanoni. Personalment ma qbiltx mas-sistema fejn il-parteċipanti kantaw żewġ kanzunetti, b'wahda minnhom biss tghaddi ghall-finali.

Fl-opinjoni tieghi nahseb li l-kunzetta rebbieha ta' Marco Mengoni, *L'Essenziale,* kienet l-ahjar diska, ghalkemm kien hemm diskrepanzi kbar bejn il-vot tal-pubbliku u dak tal-ġurija esperta.